A.L. 59 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD
(KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1998 dwar l-Importazzjoni ta' Klieb u Qtates

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikoli 3, 84 u 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard, il-Ministru tal-Biedja u Sajd, bi ftehim mal-Ministru tas-Sahha, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja u bil-parir tal-Kunsill tas-Sahha, ghamel dawn ir-regolamenti li gejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jistghu jissejhu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar l-Importazzjoni ta' Klieb u Qtates. Titolu.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'ohra – Tifsir

"annimali" tfisser klieb u qtates;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment tas-Servizz Veterinarju;

"Direttur" tfisser id-Direttur tas-Servizz Veterinarju, u tinkludi kull uffiċjal tad-Dipartiment awtorizzat kif imiss minnu biex jaġixxi f'ismu;

"I.A.T.A." tfisser International Air Transport Association;

"Ministru" tfisser dak il-Ministru li minn żmien ghal żmien ikun responsabbli ghad-Dipartiment;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard;

"stazzjon tal-kwarantina" tfisser il-post tal-kwarantina tal-Gvern ghall-klieb ġewwa Hal-Luqa, jew kull post iehor li jistabbilixxi l-Ministru minn żmien ghal żmien b'avviż fil-Gazzetta.

(2) Il-kliem u l-frażijiet li hemm fl-Ordinanza u li m'humiex xort'ohra mfissra f'dawn ir-regolamenti ghandhom l-istess tifsir kif moghti lilhom bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza.

Importazzjoni ta' annimali.

3. (1) Ebda annimali m'għandhom jiġu importati ġewwa Malta minn xi pajjiż li jkun, mingħajr qabel ma jkun inkiseb permess bil-miktub mingħand id-Direttur li jkun jippermetti li jsir dan.

(2) Id-Direttur jista' jipposponi li jikkunsidra l-applikazzjonijiet li jsirulu għal xi importazzjoni, sakemm tasallu informazzjoni uffiċjali dwar jekk ikunx hemm jew le il-marda tar-rabbja fil-pajjiż li jkun qed jesporta l-annimal.

(3) Il-permess għall-importazzjoni maħruġ mid-direttur u ċ-ċertifikati li jidhru fis-subparagrafi (a) sa (ċ) ta' dan il-paragrafu għandhom jakkumpanjaw lill-annimali meta dawn jaslu Malta u għandhom jimtlew kollha kemm huma mill-awtorità kompetenti jew mill-persuna li tkun awtorizzata kif imiss biex timla dawk iċ-ċertifikati jew dikjarazzjoni fil-pajjiż mnejn ikunu qed jiġu esportati l-annimali:–

(a) Ċertifikat Veterinarju (l-Ewwel Skeda);

(b) Dikjarazzjoni ta' Sid l-annimal/l-Aġent tiegħu (it-Tieni Skeda);

(ċ) Ċertifikat tal-Veterinarju tal-Port (it-Tielet Skeda).

(4) Jekk, għal xi raġuni, li ma tkunx taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' l-importatur, dawn il-ħtiġiet ta' ċertifikazzjoni ma jkunux jistgħu jitwettqu, għandha tiġi kunsidrata applikazzjoni għal dispensa u tinħareġ dik id-dispensa fid-diskrezzjoni tal-Ministru bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, iżda biss jekk din l-informazzjoni li ġejja tingħata mill-awtoritajiet veterinarji tal-Gvern tal-pajjiż mnejn tkun qegħda ssir l-esportazzjoni:

(a) liema jkunu dawk il-klawżoli tal-*import health standard* li ma jkunx hemm konformità magħhom u għaliex seħħ dan;

(b) ir-raġuni għaliex l-annimal/i jitqiesu li jkollhom *equivalent health status* u/jew xi proposta tkun qegħda ssir biex jitħarsu l-kundizzjonijiet tas-saħħa meħtieġa;

(ċ) ir-raġuni għaliex din l-proposta għandha tkun aċċettabbli għall-awtoritajiet ta' Malta u r-rakkomandazzjoni għall-aċ-ċettazzjoni tagħhom.

Restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni.

4. (1) L-importazzjoni ta' l-annimali hija biss permessa mill-pajjiżi u territorji speċifikati elenkati fit-tlett kategoriji li ġejjin:

(a) Pajjiżi u territorji li jkunu iddikjaraw lilhom infushom ħielsa mill-marda tar-rabbja jew li jkollhom kontroll effiċjenti tagħha iżjed li ma jkunux ġew formalment rikonoxxuti minn Malta bħala pajjiżi jew territorji ħielsa: Fiji, Greece, Hong Kong, Iceland, Mauritius, Netherlands, Antilles and Aruba, Portugal, Spain, Seychelles, Taiwan.

(b) Pajjiżi u territorji li Malta tirrikonoxxi bħal li m'għandhomx il-marda tar-rabbja urbana jew li din il-marda tinsab kontrollata sew: Austria, Belgium, Canada, Cyprus, Denmark, France, Germany, Greenland, Israel, Italy, Luxembourg, Netherlands, Switzerland, United States of America.

(ċ) Pajjiżi u territorji li Malta tirrikonoxxi bħala ħielsa mill-marda u li għandhom programm effettiv ta' kontroll/sorveljanza: Australia, Hawaii, Republic of Ireland, New Zealand, Norway, Singapore, Sweden, United Kingdom.

(2) (a) L-annimal irid ikun ilu residenti fil-pajjiż ta' l-oriġini għal mill-inqas sitt xhur jew, fil-każ ta' annimali iżgħar fl-età, mit-twelid.

(b) Matul ix-xahrejn li jiġu minnufih qabel l-esportazzjoni tagħhom għal Malta, l-annimali ma kellhomx ikunu residenti f'xi bini tal-kwarantina uffiċjali.

(3) L-annimali m'għandux ikollhom iktar minn 42 jum tqala fid-data ta' l-imbark.

(4) Meta l-annimali jkunu ġejjin minn bnadi oħra li ma jkunux dawk elenkati taħt is-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, dawn għandu jkollhom età ta' iktar minn disa' xhur fid-data ta' l-imbark.

Identifikazzjoni ta' l-annimali.

5. Kull annimal għandu jkun identifikat b'*microchip* u d-dettalji ta' l-identifikazzjoni għandhom jintwerew fuq iċ-ċertifikazzjoni. L-importatur għandu jiżgura li jkun hemm *reader* disponibbli sabiex jidentifika l-annimali li jidħlu fi stazzjon tal-kwarantina ta' Malta.

Eżamijiet li jsiru qabel l-esportazzjoni.

6. (1) Kull annimal għandu qabel ma jiġi esportat jagħmel l-eżamijiet u/jew jirċievi kull kura kif meħtieġ u kif imfisser fiċ-Ċertifikati Veterinarji msemmija fl-Iskedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull eżami seroloġiku għandu jsir ġewwa laboratorju li jkun approvat mill-Gvern tal-pajjiż mnejn tkun qegħda ssir l-esportazzjoni.

(3) Jekk l-awtorità veterinarja fil-pajjiż tal-oriġini tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tad-Direttur li f'pajjiżu ma jkunx hemm marda li jkun irid isir eżami dwarha, għaldaqshekk l-eżami jista', fid-diskrezzjoni tad-Direttur issir eżenzjoni dwaru.

Ċarr bl-ajru ta' annimali ġewwa Malta.

7. (1) L-annimali kollha li jidħlu Malta għandhom jinġarru bl-ajru u għandhom jiġu permessi biss jinġarru fuq l-inġenji ta' l-ajru dawk l-annimali li jkunu jikkwalifikaw biex jidħlu f'Malta.

(2) L-annimal għandu jinġarr f'kontenitur approvat li jkun konformi mal-livelli tal-I.A.T.A. Dak il-kontenitur għandu jkun hekk fabbrikat li:

– jkun daqstant sod li ma jħallix annimal jaħrab minnu;

– naħa waħda tkun miftuħa kollha kemm hi u mgħottija bil-vireg, xibka ħarxa jew ikollha xibka tal-metall lixx li tkun imwaħħla sew, b'mod li jipprovdi l-fetħa prinċipali għall-ventilazzjoni;

– jkollu fetħiet għall-ventilazzjoni fuq kull naħa li b'kollox ikunu jammontaw għal 16% tas-superfiċi;

– jkollu sigurtà fl-għeluq tiegħu, jiġifieri li jkollu biss fetħiet għall-ventilazzjoni li jkunu ta' dak id-daqs li jkun impossibbli għall-annimal li joħroġ imnieħru, idejh jew saqajh 'l barra mill-kontenitur;

– jkun daqstant kbir li jippermetti lill-annimal iqum wieqaf fl-istat naturali tiegħu, idur u jimtedd;

– jkun fih bieqja tax-xorb imwaħħla li fiha jkun jista' jintafa' l-ilma mingħajr ma jinfetaħ il-kontenitur.

(3) Ma jistax jintuża tiben jew ħuxlief bħala firxa. Jista' jintuża biss *peat* sterilizzat, qiegħ artab jew firxa oħra li ma tiċċaqlaqx skond ma jkun approvat.

(4) Il-bieb tal-kontenitur għandu jkun siġillat bis-siġill approvat tal-Gvern tal-pajjiż mnejn ikun qed jiġi esportat l-annimal qabel ma l-kontenitur jitgħabba għal fuq l-inġenji ta' l-ajru fil-pajjiż mnejn joriġina. In-numru jew il-marka li jkun hemm fuq is-siġill għandu jiġi reġistrat fuq id-dokumentazzjoni li tkun issieħeb lill-kontenitur. Il-binja

tal-kontenitur u tqegħid tas-siġill għandhom ikunu tali li l-kontenitur ma jkunx jista' jinfetaħ faċilment mingħajr ma qabel jinkiser is-siġill. Jekk il-kontenitur jinfetaħ waqt l-imbark dan għandu jerġa' jiġi siġillat, u għandu jingħata ċertifikat li jkun juri xi ikunu ċ-ċirkostanzi minn uffiċjal veterinarju, jew mill-kaptan ta' l-inġenji ta' l-ajru.

(5) Il-kontenitur m'għandux jiġi żbarkat f'nofs il-vjaġġ ħlief matul proċeduri ta' maniġġ ta' bagalji normali u meta d-Direttur ikun speċifikament awtorizza li jsir xi trasbord.

(6) It-trasportaturi bl-ajru għandhom jgħarrfu lid-Direttur, mill-inqas 72 siegħa qabel il-ħin stabbilit għall-wasla ta' xi annimal, bin-numru tat-titjira u l-ħin tal-inżul.

Wasla f'Malta.

8. Mal-wasla f'Malta l-annimal jiġi trasportat direttament fl-istazzjon tal-kwarantina approvat mid-Direttur ġewwa vettura li tkun sorveljata minn uffiċjal tad-Dwana.

Kwarantina ta' annimali.

9. (1) Dawk l-annimali msemmija fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu kwarantina għal mill-inqas 180 jum, dawk l-annimali msemmija fis-subparagrafu (b) ta' l-istess paragrafu għandhom jinżammu kwarantina għal mill-inqas 30 jum, filwaqt li dawk l-annimali imsemmija fis-subparagrafu (ċ) ta' l-istess paragrafu għandhom jinżammu kwarantina għal mill-inqas 21 jum.

(2) Jekk mal-wasla tal-kontenitur imsemmi fil-paragrafu (4) tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, dak il-kontenitur ikun bla siġill, jew is-siġill ikun miksur, jew jekk id-dokumentazzjoni msieħba ma tkunx sodisfaċenti, l-annimal jista', fid-diskrezzjoni tad-Direttur, u bi spejjeż għall-importatur, jiġi esportat, jinqered jew jenħtieġ li jibqa' jinżamm kwarantina għal żmien sa 180 jum hekk kif jista' jiġi stabbilit mid-Direttur.

(3) Waqt li l-annimal ikun qed jinżamm kwarantina, dan għandu jiġi eżaminat mill-ġdid permezz ta' *neutralising antibody titration test* għal *antibody* tal-marda tar-rabbja. Jekk fis-serum ta' l-annimal ma jkunx hemm *antibody* tal-marda tar-rabbja suffiċjenti, l-annimal jista' jerġa' jiġi vaċċinat u/jew eżaminat mill-ġdid, esportat, meqrud, jew meħtieġ li jibqa' jinżamm kwarantina għal mhux aktar minn 180 jum.

(4) Waqt li kelb importat ikun qed jinżamm kwarantina, dan jista' jiġi eżaminat għal *heartworm* li tiġi minn *Dirofilaria immitis,* leptospirosi li tiġi minn *Leptospira interrogans var. canicola,* bruċellosi tal-klieb *(Brucella canis)* u *pancytopaenia* tropikali tal-klieb *(Ehrlichia*

canis). Jekk l-annimal ikun pożittiv għal xi eżami minn dawn, dan jista' jingħata kura u jerġa' jiġi eżaminat mill-ġdid. Jekk il-kelb wara dan jitqies bħala li hu infettat, dan jista' jingħata iktar kura, jew jiġi esportat, meqrud, jew jinżamm kwarantina.

(5) Id-Direttur jirriserva l-jedd li jtawwal iż-żmien ta' kwarantina msemmi fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament għal kull annimal li jkun:

Iżda f'dawk il-każi l-importatur jista' jappella minn dik id-deċiżjoni lill-Kunsill tas-Saħħa.

Wasliet oħra li ma jkunux bil-ġarr bl-ajru.

10. Dawk l-annimali li jaslu Malta mingħajr ma jkollhom il-permess għall-importazzjoni meħtieġ jew li jiġu imbarkati fuq xi vapur, *yacht, pleasure craft* jew kull inġenji bħal dawk għat-trasport bil-baħar, m'għandhomx jiġu permessi li jinżammu imbarkati fuq dak l-inġenji iżda għandhom minnufih jittieħdu fl-istazzjon tal-kwarantina sabiex jinqerdu malajr jew sabiex jerġgħu jiġu esportati fi żmien li ma jkunx ta' aktar minn ġimgħa.

Ħlasijiet dovuti.

11. (1) Il-ħlas għall-iskorta, spejjeż ta' ġarr lejn, u manteniment ta' annimali, fl-istazzjon tal-kwarantina, u d-drittijiet għal kull eżami li jsir (sew f'Malta sew barra minn Malta) u għall-kura jkunu dovuti mis-sid jew minn kull persuna oħra li matul dak iż-żmien tkun responsabbli għal dak l-annimal.

(2) Fin-nuqqas ta' ħlas ta' dawk l-ispejjeż fi żmien ħmistax il-jum mid-data meta jkunu dovuti, id-Direttur ikollu s-setgħa li jordna l-qerda ta' l-annimal jew li dan jitqiegħed x'imkien ieħor.

Responsabbiltà fl-istazzjon tal-kwarantina.

12. Id-Direttur ma jkunx responsabbli għal dak li jista' jiġri lill-annimal filwaqt li jkun qed jinżamm f'xi stazzjoni tal-kwarantina ħlief meta dak li jiġri isir b'mod xjentement negliġenti mill-awtorità li tkun qed iżżomm l-annimal.

Tħassir tat-Taqsima III ta' l-A.L. 63 ta' l-1967.

13. It-Taqsima III imsemmija "Klieb u Qtates" tar-Regolamenti ta' l-1967 dwar it-Tħaris mill-Mard fost l-Annimali, qegħda b'dawn tithassar mingħajr ħsara għal kull ħaġa li tkun saret jew li naqset milli legalment issir bis-saħħa tagħha.

L-EWWEL SKEDA

[Regolament 3 (3) (a)]

ĊERTIFIKAT VETERINARJU: KELB/QATTUS

Pajjiż ta' Esportazzjoni: .....

Permess tas-Saħħa ta' l-Importazzjoni Nru: .....

Ministeru/Dipartiment: .....

Servizz: .....

Reġjun: .....

I. IDENTIFIKAZZJONI TA' ANNIMALI

Tip ta' Annimal: ☐ Razza tal-Qattus ☐ Razza tal-Kelb

Isem l-Annimal: .....

Età jew data tat-Twelid: .....

Sess (agħmel sinjal)

☐ Maskil ☐ Femminil (ma jistax ikollha iktar minn sitt ġimgħat tqala)

☐ Maskil imsewwi ☐ Femminil imsewwija

Razza: .....
(Razez li ma jistgħux jiġu importati: *pit bull terriers, Japanese tosa, dogo Argentino, Fila Braziliero)*

Lewn: .....

Tip ta' suf u sinjali: .....

Microchip Nru: ..... *Scanner type*: ..... Fejn Impjantat: .....

II. ORIĠINI TA' L-ANNIMALI

Isem/ismijiet u indirizz/i tal-esportatur/i:
.....

.....

Lokalità/jiet mnejn l-annimali oriġinaw: .....
(jiġifieri fejn kienu domiċiljati matul is-sitt xhur li jiġu qabel l-esportazzjoni tagħhom)

Ajruport fejn isir l-imbark: .....

B 374

III. DESTINAZZJONI TA' L-ANNIMALI

Isem u indirizz ta' min jirċievi. .....

.....

Mezz ta' trasport: .....

Ajruport ta' żbark: .....

IV. INFORMAZZJONI SANITARJA

Jien, ..., Uffiċjal Veterinarju tal-Gvern, jew veterinarju akkreditat biex nipprovdi ċertifikazzjoni ta' esportazzjoni f'isem is-Servizz Veterinarju tal-Gvern (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Veterinarju Akkreditat), niċċertifika dwar l-annimali identifikati fiċ-Ċertifikat tas-Saħħa ta' l-Annimali illi:

1. Wara li għamilt il-verifiki meħtieġa m'għandix għaliex ikolli xi dubbju dwar id-dikjarazzjoni tas-sid/aġent.

2. Wara li għamilt il-verifiki meħtieġa ninsab sodisfatt li l-annimal kien kontinwament residenti fil-pajjiż jew territorju mnejn oriġina għal dawn l-aħħar sitt xhur u li ma kienx qiegħed jinżamm kwarantina jew taħt restrizzjonijiet ta' kwarantina matul is-60 jum li jiġu minnufih qabel l-esportazzjoni.

3. Marda tar-rabbja.

3.1. Il-kelb jew il-qattus kien vaċċinat kontra l-marda tar-rabbja b'vaċċin ta' virus inattivat approvat:

– fil-każ ta' l-ewwel vaċċinazzjoni,

fi .... (data) mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn sena qabel l-imbark, meta l-annimal kellu mill-anqas tlett xhur età,

JEW

– fil-każ ta' vaċċinazzjoni *booster*,

fi ..... (data), mhux iktar minn sena qabel l-imbark.

3.2. Qegħdin jintehmżu kopja taċ-ċertifikat ta' vaċċinazzjoni kontra l-marda tar-rabbja, u fil-każ meta l-iktar vaċċinazzjoni reċenti kienet *booster*, kopja taċ-ċertifikat ta' vaċċinazzjoni kontra l-marda tar-rabbja għall-vaċċinazzjoni ta' qabel.

3.3. L-annimal tpoġġa fi ..... (data), li tiġi mhux inqas minn tlett xhur u mhux iktar min sitt xhur qabel l-imbark, għat test ta' *neutralising antibody titration* għall-marda tar-rabbja u dan ġewwa laboratorju uffiċjali skond wieħed mill-metodi deskritti fil-*OIE Manual of Standards* għal eżamijiet dijanjostiċi u vaċċini, u nstab li kellu mill-inqas 0.5 IU/ml ta' *antibody* fis-serum tiegħu; qed tintehmeż kopja tar-rapport tal-laboratorju.

4. Matul it-tnax-il xahar ta' qabel iżda mhux inqas minn 30 jum minnfih qabel ma saret l-esportazzjoni l-annimal ġie vaċċinat kontra:

JEW, fil-każ ta' kelb:

distempra tal-kelb, hepatite infettiva, *parvovirus* tal-klieb, *para influenza*.

JEW, fil-każ ta' qattus:

enterite tal-qtates, *rhinotracheitis* tal-qtates u *calcivirus* tal-qtates.

5. Fil-każ ta' kelb, dan ikun ġie eżaminat u jew ingħata kura għal *Canine heartworm (Dirofilaria immitis)* skond din l-iskeda li ġejja:–

5.1. F'xi żmien matul it-30 jum li jiġu wara t-tluq xi ml jew żewġ mls demm ikunu ttieħdu mill-kelb u nstabu li huma negattivi meta sarilhom eżami ta' konċentrazzjoni ta' *microfilariae* u eżami tal-*antigen*.

5.2 F'xi żmien matul 24 siegħa mill-esportazzjoni lejn Malta l-kelb ġie oralment trattat b'doża ta' *ivermectin* b'50 mcg/kg mill-veterinarju li joħroġ iċ-ċertifikat.

6. Fil-każ ta' kelb, xi żmien matul 30 jum qabel iż-żmien pjanat għall-imbark:

6.1. Il-kelb ikun sarlu *slide agglutination test* (eżami mikroskopiku dwar l-agglutinazzjoni) għal *Brucella canis* u jkunu nkisbu riżultati negattivi – negattiv ifisser agglutinazzjoni ta' inqas minn 50% f'*serum dilution* ta' 1: 100).

6.2. Ikun ġie eżaminat billi sarlu *leptospirosis agglutination test (serotype Leptospira canicola)* u jkunu nkisbu riżultati negattivi, (fejn negattiv ifisser agglutinazzjoni ta' inqas minn 50% f'1: 100).

JEW

Il-kelb ikun ġie eżaminat b'*serum agglutination tests*, għall-infezzjoni *Leptospira interrogans var. canicola*, fuq kampjuni li jkunu ngabru darbtejn f'intervall ta' mhux anqas minn 14 il-jum f'xi żmien matul it-30 jum li jiġu qabel l-esportazzjoni, b'*titre* ta' mhux iżjed minn 1: 400 għal kull okkażjoni u ebda

żieda fit-*titre* bejn l-ewwel u t-tieni eżamijiet u jintehmeż ir-rapport tal-laboratorju (jew kopja iffirmata fuq wara minn Veterinarju Uffiċjali);

Data meta jingħabar il-kampjun: .....

JEW

F'xi żmien matul 30 jum qabel l-esportazzjoni il-kelb ingħata kura ta' kuljum bil-*dihydrostreptomycin sulfate* għal ħamest ijiem b'rati ta' doża terapewtika;

Rata ta' doża ta' *Dihydrostreptomycin Sulfate* użata ..... mg/kg tal-piż tal-ġisem

Data ta' l-ewwel kura: ..... Data ta' l-aħħar kura: .....

6.3. Il-kelb ikun ġie eżaminat permezz ta' *indirect fluorescent antibody test* għal *pancytopaenia* tropikali tal-klieb – *Ehrlichia canis* (infezzjoni) b'riżultati negattivi (ir-riżultati tal-laboratorju jinsabu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat).

7. Fil-każ ta' kelb u/jew qattus:

7.1. F'xi żmien matul 14 il-jum qabel id-data pjanata għall-imbark, l-annimal ingħata kura għal *nematodes* permezz ta' *anthelminthic* approvat li hu effettiv kontra *nematodes*:

Ingredjent attiv: .....

Rata ta' doża: ..... Data tal-kura: .....

F'xi żmien matul 14 il-jum qabel id-data pjanata għall-imbark, l-annimal ingħata kura għal *cestodes* permezz ta' *anthelminthic* approvat li hu effettiv kontra *cestodes:*

Ingredjent attiv: .....

Rata ta' doża: ..... Data meta jingħata: .....

7.2. L-annimal eżaminat u misjub ħieles minn kull sinjal kliniku ta' mard infettiv jew kontaġġjuż u minn parassiti esterni, u ġie trattat billi jitgħaddas fi jew jingħata bexx ta' insettiċida li jista joqtol il-qurdiena, qamel u briegħed matul is-96 siegħa ta' qabel l-esportazzjoni.

Ingredjent attiv: .....

Data meta jingħata: .....

8. L-eżamijiet fil-laboratorju kollha saru f'laboratorju tal-Gvern jew f'laboratorju li hu approvat mis-Servizz Veterinarju tal-Gvern f'dan l-il-pajjiż.

....
Veterinarju Akkreditat jew Data
Uffiċjal Veterinarju tal-Gvern
(Ħassar fejn ma japplikax)

Jekk il-firma li tidher hawn aktar qabel hija dik ta' Veterinarju Akkreditat, jien hawn taħt iffirmat niċċertifika illi ....huwa Veterinarju Akkreditat.

....
Uffiċjal Veterinarju tal-Gvern Timbru Uffiċjali u data

IT-TIENI SKEDA

[Regolament 3 (3) (b)]

DIKJARAZZJONI TA' SID L-ANNIMAL/L-AĠENT TIEGĦU

Jien, ..., is-sid/aġent tas-sid ta' l-annimal muri fiċ-Ċertifikat Veterinarju, niddikjara illli:

1. L-annimal ilu kontinwament residenti fil-pajjiż jew fit-territorju ta' l-oriġini għal dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ġie esportat u li ma kienx f'xi stabbiliment ta' kwarantina uffiċjali matul is-60 jum li għaddew minnufih qabel.

2. L-annimal mhux se jkollu iktar minn 42 jum tqala fiż-żmien pjanat għall-imbark.

3. L-annimal se jkollu iktar minn disa' xhur età fiż-żmien pjanat għall-imbark.

4. L-annimal intbagħat f'kontenitur li hu skond l-istandards tal-I.A.T.A.

....
Firma tas-Sid/Aġent Data

B 378

IT-TIELET SKEDA

[Regolament 3 (3) (c)]

ĊERTIFIKAT TAL-VETERINARJU TAL-PORT

Jien, ..., Veterinarju tal-Gvern fl-ajruport ta' .....niċċertifika dwar l-annimal muri fit-Taqsima I taċ-Ċertifikat Veterinarju illi:

1. L-annimal ġie eżaminat u nstab li kien b'saħħtu u f'qagħda li jivvjaġġa lejn Malta.

2. Id-dokumenti kollha meħtieġa ġew eżaminati u nstabu li mtlew sew skond il-kondizzjonijiet ta' importazzjoni ta' Malta.

3. L-annimal tqiegħed f'kontenitur skond l-*istandards* tal-I.A.T.A., u dan kien magħluq b'siġill uffiċjali li kellu fuqu l-marki: .....

....

Uffiċjal Veterinarju tal-Gvern Timbru uffiċċjali u data